# QIEGĦED JISBAĦ

*Ta' JOE MEJLAK*

Il-lejl intemm u għadda
Ser jerġa' jibda l-jum,
In-nies mill-ġdid tmidd għonqha
għall-ħajja ta' kuljum.

Id-dlam inħeba għal kollox
U feġġ id-dawl sabiħ,
Il-lejl mar u telaqna
Bħal donnu ħa għalih.

Il-qamar għalkemm tefa
Ma marx, baqa' fejn kien,
Irid jibqa' fil-għoli
Jitgħaxxaq bil-ħolqien.

Il-kwiekeb tfew bħal sidhom
U għebu mis-smewwiet
Għax raw li kien għaddielhom
Il-ħin ta' paċi w skiet.

L-għasafar dlonk jittajru
— Min sejjer u min ġej —
U bdew bil-għana tagħhom
Ifaħħru lill-Mulej!

Id-dwal artifiċjali
Intfew bil-mod il-mod,
U leħen ta' qanpiena
Instama' jdoqq fil-bogħod.

Kultant tilmaħ karrozza
Li tikser dak is-skiet:
Il-ħajja reġgħet qamet
Fir-rħula u l-ibliet.

Irġiel bakkru għal xogħolhom,
Oħrajn għadhom reqdin,
Għax lejlhom għaddewh barra
Fis-swali kbar taż-żfin.

Ix-xemx feġġet miksija
B'mant aħmar tal-ħarir —
Kultant tien nisthajjilha
Ballun ħamrani, kbir.

Il-ħajja ħadet sewwa
U reġa' beda l-jum,
In-nies ġa meddet għonqha
Għal xogħolha ta' kuljum.